**IKLIN**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 54 – IT-TNEJN 20 TA' SETTEMBRU 2010**

Il-Kunsill iltaqgħa fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Sur Anthony Dalli | Sindku |
| | Sija. Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Alfred Naudi | Segretarju Eżekuttiv |

Il-Kunsillier Joseph Camilleri kien skużat minn qabel milli jattendi għal din il-laqgħa.

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.

1.1. Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru tlieta u ħamsin (53) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.2 Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

## 2. KORRISPONDENZA.

2.1. Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn l-20 ta' Awissu u l-20 ta' Settembru 2010.

2.2. Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 2243/10. Il-Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta kienet qed toffri spazju (bi ħlas) lill-Kunsilli Lokali fil-fiera tal-Kotba ta' bejn l-10 u l-14 ta' Novembru 2010.

2.3. Il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 2252/10. Il-Periti tal-Kunsill bagħtu pjanti u disinnji fuq il-proġett ta' re-surfacing ta' Triq il-Wied lil Transport Malta għall-approvazzjoni tagħhom.

2.4 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru.2282/10. Is-Sindku Anthony Dalli kellu intervista mar-rappreżentant tal-gazzetta 'The Times' fuq il-proġett tal-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv fi Pjazza Ninu Cremona. Il-Kunsillier M. Zammit staqsiet jekk il-Kunsill irċeviex kopja tal-Petizzjoni li għamlu xi residenti peress li din issemmiet fl-intervista; iżda is-Sindku irrisponda li l-Kunsill Lokali qatt ma' rċieva kopja.

2.5 Il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 2309/10. Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien ħareġ 'Draft' tar-regolamenti ġodda fuq 'safety standards' fi spazji miftuħa fejn hemm il-bandli.

Doc. A u B anness

## 3. ILMENTI.

3.1 Ġiet ippreżentata l-lista ta' ilmenti bejn l-20 ta' Awissu u l-20 ta' Settembru 2010, kif tidher annessa bħala dokument C.

3.2 Rigward ilment Nru. 23/08-1 talba biex titwaħħal tabella li turi li Triq Ċensu Busuttil hija 'two-way'. Il-Kunsill approva li din issir.

3.3 Dwar rapporti fuq bozoz Nru. 1130838 bozza Y002; 131030 bozza L062; diġa ġiet infurmata l-Enemalta.

3.4 Dwar rapport Nru. 25/08-2 dwar karozzi għal-bejgħ ta' dealer fi Triq Ċensu Busuttil; il-Kunsill sejjer jerġa jinvestiga u jieħu passi.

3.5 Dwar talba Nru.30/08-1 biex issir 'zebra-crossing' fi Triq Erin S. Inglott quddiem 'Jenny's Confectionery' għaliex in-nies qed isibuha diffiċli biex jaqsmu. Il-Kunsill sejjer jinvestiga u jieħu parir mingħand l-Awtorita' Trasport Malta.

3.6 Dwar talba 01/09-1 biex isir 'traffic-calming' fi Triq San Mikiel fil-liwja ma' Triq Naxxar peress li karozzi jduru bi speed qawwi u qed ikun ta' periklu għal min jaqsam. Il-Kunsill sejjer jinvestiga u jieħu passi.

3.7 Dwar ilment Nru. 02/09-1 li wara l-festa ta' Ħal-Lija, fi Triq San Mikiel xi nies qelbu xi ċnaġen taċ-ċint ġo għalqa. Il-Kunsill sejjer jinvestiga u jieħu passi.

3.8 Dwar talba Nru. 02/09-2 minn resident biex jitneħħa l-isem ta' Triq il-Ħwawar mit-tabella li hemm fil-bidu ta' Triq il-Ħarruba għaliex din mhux veru li tinfed għal Triq Ħwawar. Il-Kunsill sejjer jara li din titneħħa.

3.9 Dwar ilment Nru. 14/09-1 talba għal-'sleeping-policeman' fi Triq Ġużeppi Calleja u 14/09-2 talba għal 'sleeping-policeman' fi Triq May Butcher; il-Kunsill sejjer jinvestiga u jieħu passi skond il-bżonn.

3.10 Rigward talba 14/09-3 biex isir 'yellow-line' fi Triq Anton Buttigieg kif iddur minn Triq Ċensu Busuttil. Il-Kunsill sejjer jinvestiga u jieħu passi.

3.11 Rigward ilment Nru. 14/09-4 li fi Triq ir-Razzett l-Aħmar ħdejn l-arblu tan-NET, hemm ħafna siġar kbar ħergin mill-egħlieqi għal-ġo t-triq, speċjalment siġra tal-Ħarruba li qiegħda perikoluża ħafna. Il-Kunsill sejjer jinvestiga dan il-kaz u jara kif jista' jieħu passi.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET U NFIQ IEĦOR.

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta' kredituri kif tidher annessa f'dokument immarkat C.

4.2 Is-Sindku Anthony Dalli 'mbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa. Issekondah il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo u wara kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

## 5. MATERJI KONNESSI MA' L-AWTORITA' TA' L-IPPJANAR.

5.1 Il-Kunsillier Margaret Zammit għaddiet t- tagħrif dwar il-kontenut ta' l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita' ta' l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.2 Dwar PA 03432/06. Soft Stone Quarry No. 13. Tat-Tabib. Biex jaqleb din il-barriera għal-ħażna fil-miftuh, tisbieħ ta' l-art ta' madwar' u terġa 'ssir art għal-biedja. L-applikazzjoni ġiet diferita.

5.3 Dwar PA 03423/09. 113, Triq Geronimo Abos. Biex tinbidel it-tinda. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi approvata.

5.4 Dwar PA 01065/10. Għalqa ġo Sqaq Garda, Limiti tal-Iklin. Biex tinfetaħ grada ġo l-għalqa. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi approvata.

5.5 Dwar PA 03147/09. 109, ICC, Triq Geronimo Abos. Tibdil fl-użu minn garaxx għal-ħanut tal-bejgħ ta' Computers, tiswijiet u approvazzjoni ta' twaħħil ta' tabella, u approvazzjoni tal-garazz kif inbena. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

5.6 Dwar PA 01250/10. Forita, No. 105, Triq Dun Karm. Biex tinħatt id-dar u bini ta' semi-basement garaxx, maisonette, u żewġ appartamenti. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi approvata.

5.7 Dwar PA 03034/09. Plot 3, Villa Oleander, Iklin Valley. Biex jiġu approvati t-tibdil ta' ġewwa u barra fuq il-permess eżistenti tal-Bungalow, bil-garaxx semi-basement u swimming-pool. L-applikazzjoni ġiet mwarrba; id-deċiżjoni oriġinali tibqa'.

5.8 Dwar PA 03986/09 Triq ġo Triq San Mikiel li tagħti għal Kappella ta' San Mikiel biex jitqiegħdu tabelli informattivi . L-applikazzjoni ġiet diferita.

5.9 Dwar PA 01352/10. 63, Petlou, Triq l-Klin k/m Triq Stefano Erardi. Biex jinfetħu twieqi fit-taraġ u biex jingħalqu l-gallariji bl-aluminium skond id-disinnji PA 5631/08. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi approvata.

5.10 Dwar PA 05712/09. Villa Oleander, Iklin Valley. Biex jiġu approvati l-alterazzjonijiet ta' ġewwa u barra differenti minn dawk approvata fil-permess No. PA 4322/06. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

5.11 Dwar PA 05720/09. Casa Bonnici, North & South House, Triq il-Wied. Alterazzjonijiet fuq id-dar eżistenti u bini ta' sular iehor. L-applikazzjoni ġiet diferita.

5.12 Kien hemm applikazzjonijiet ġodda:
a) PA 03256/10. Villa Marbella, 3, Triq Enrico Naudi bini ta' garaxxijiet fil-basement; bini ta' kamra għall-pompa, u tibdil fil-faċċata.
b) PA 03697/10. "Farag" 77, Triq Stefano Erardi. Biex isir xi tibdil fil-basement, u tibdil fir-residenza ta' l-ewwel sular u fuq il-bejt.
c) PA 03258/10. 30. Amiga, Triq Richard Taylor. Korrezzjoni tas-sit mill-permess PB 845/89/2550/88

5.13 Il-Konsulent tekniku tagħna talab lil-Kunsill biex nagħmlu oġġezzjoni fuq dawn l-applikazzjonijiet:

1. Applikazzjoni Nru. PA 01250/10. Fiorita. No. 105, Triq Dun Karm.
2. Applikazzjoni Nru. PA 03214/10. Romar, Triq l-IKlin.

**6. ATTIVITA' GĦAL-COMMUNITY CHEST FUND.**

6.1 Is-Sindku Anthony Dalli ħabbar lil-Kunsill Lokali sejjer jibda inizjattiva għall-ġbir ta' flus għal-Community Chest Fund fil-lokalita' tagħna biex jiġu ippreżentati fil-Milied.

6.2 Wara lil-Kunsill sejjer jikteb lil-President ta' Malta biex jinfurmah b'din l-inizjattiva, malajr kemm jista' jkun minn issa, tintbgħat flyer fid-djar u ħwienet kollha fl-Iklin fejn kulħadd jagħti skond il-mezzi tiegħu.

6.3 Iktar dettalji jingħataw iżjed 'il quddiem.

**7. TAĦDIDIET EDUKATTIVI OTTUBRU – DIĊEMBRU 2010**

7.1 Is-Sur Dalli ħabbar li l-Kunsill sejjer jibda sensiela ta' taħdidiet edukattivi għar-residenti tagħna.
It-taħdidiet ikunu ta' interess ġenerali għal kulħadd partikolarment fejn tidħol is-saħħa.

7.2 Is-Sindku talab lis-Sinjura Yvonne Bartolo biex tibda l-kuntatti mad-Dipartimenti u Organizzazzjonijiet ħalli tipprepara lista ta' dawn it-taħdidiet.

**8. ATTIVITAJIET TAL-MILIED.**

8.1 Is-Sindku Anthony Dalli fakkar li kien wasal iż-żmien biex nibdew naħsbu ftit fuq l-attivitjiet tal-Milied. Hu kien qed jagħmel dawn is-suġġerimenti:

a. Bħal ma għamilna s-sena l-oħra, jerġa' jitwaqqaf il-Presepju "haj" fiz-żuntier tal-Knisja. Din is-sena għandu jkun aħjar u akbar.
b. Isir il-film għat-tfal ta' l-Iklin.
c. Ikla tal-Kunsilliera u l-Istaff.
d. Dwar il-bibita' għal-Helpers għandha tinġieb aktar informazzjoni mingħand id-Dipartiment dwar l-allokazzjoni peress li din is-sena hemm direttivi ġodda.

**9. ATTIVITA' GĦAL-ANZJANI.**

9.1 Kien reġa' wasal iż-żmien biex norganizzaw "Weekend Break" għall-Anzjani tagħna. Din hija attivita' mistennija minn dawn ir-residenti.

9.2 Għaldaqstant is-Sindku Anthony Dalli irrefera din l-attivita'

lill-Kunsillier Ronald Cauchi li huwa inkarigat minn din is-sezzjoni u talbu jġib xi kwotazzjonijiet.

## 10. KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ

10.1 Wara lil-Kunsill Lokali kien bagħat flyers liż-żgħażagħ kollha fid-djar, ma kien hemm ebda rispons.
Is-Sur Dalli qal li huwa kellu isem wieħed biss li kien interessat; hu talab lill-Kunsilliera jagħmlu sforz biex almenu isibu persuna waħda kull wieħed.

10.2 Jittama li għall-laqgha li jmiss ikun hemm xi ftit żgħażagħ interessati.

## 11. APPLIKAZZJONI MEPA PC 0033/10. TIBDIL FIL-CMLP TRIQ RICHARD TAYLOR U TRIQ M. BUTCHER.

11.1 Wara lil-Kunsill kien iltaqa' mal-Periti tal-Mepa u r-residenti ta' dawn iż-żewġ toroq waqt laqgħa li saret fil-Kunsill stess, fejn dawn taw spejgazzjoni dwar it-tibdil fil- CMLP Policy kif qed jitlob l-applikant, kemm il-Kunsill kif ukoll ir-residenti urew it-tħassib taghhom għal dan it-tibdil.

11.2 Kulħadd preżenti kien tal-fehma li l-art indikata għandha tibqa għal-skopijiet edukattivi, għaldaqstant fuq talba tan-nies preżenti kif ukoll tal-Kunsill Lokali, għandha ssir 'oġġezzjoni' fuq dan it-tibdil.

11.2 Peress li s-Segretarju kien talab lill-Konsulent Tekniku tal-Kunsill biex jipprepara ittra ta' oġġezzjoni 'draft ' din inqrat waqt il-laqgħa fejn ġiet ukoll approvata unanimament u għandha tintbgħat minnufih.

## 12. KUMNIKAZZJONI MIS-SINDKU.

12.1 Is-Sur Dalli irrefera għal Memo 95/2010 fejn ħarġet Skema Dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2011.
Il-Kunsill Lokali għamel żewġ applikazzjonijiet għal fondi fuq żewġ attivitajiet:

12.2 Milied 2011. Proposta li tlaħħaq €8,000.
F'din l-attivita' hemm maħsub li jsir Presepju ħaj bħal tas-sena l-oħra iżda fuq skala akbar.
Sena Kulturali 2011. Proposta li tlaħħaq €8,000.
Ġurnata ddedikata għall-Iscouts. Kommemorazzjoni mit-twaqqif għeluq 10 snin.
Serata Mużiko-Letterarja
Esibizzjoni/wirja ta' ritratti ta' xogħlijiet.

Il-Kunsill Lokali diġa bagħat l-applikazzjonijiet lid-Dipartiment.

12.3 Is-Sindku ħabbar ukoll li wara li ġiet approvati l-applikazzjoni fuq fondi mil-Unjoni Ewropea għal-bini/rikostruzzjoni ta' ħitan tas-sejjiegħ taħt l-iskema Measure 323, u li tlaħħaq is-somma ta' €193,794. Il-Kunsill Lokali l-ġimgħa l-oħra iffirma il-kuntratt biex jingħataw il-fondi.

**13 AĠĠORNAMENT**

13.1 Peress li ma kienx hemm iżjed x'niddiskutu, l-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-6.30pm u kien hemm ftehim li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 11 ta' Ottobru 2010 fil-5.30pm.

13.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt il-laqgħa tal-Kunsill ta' nhar it-Tnejn 11 ta' Ottobru 2010 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Anthony Dalli** | **Alfred Naudi** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv. |